**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 33 – L-ERBGĦA 25 TA' JANNAR 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondati mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera dwar il-fatt li l-kuntrattur, Polidano Borthers Ltd., għadu mhux qed jonora l-programm tax-xogħol kif miftiehem fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija.

2.2 Huwa insista li hemm bżonn li xi ħadd jieħu r-responsabilità ta' dan id-dewmien għar-raġuni li l-Kunsill qed jidher li mhux qed jinsisti biżżejjed biex dan il-proġett jitlesta fiż-żmien stabbilit.

2.3 Il-Perit John Rizzo Naudi, *Contract Manager* fuq dan il-proġett, spjega dwar l-insistenza kontinwa tiegħu biex il-Kuntrattur ikompli bix-xogħol.

2.4 Għalkemm dan stqarr li kien qed ikun injorat mill-Kuntrattur għal żmien twil, illum jista' jgħid li x-xogħol reġa' nbeda u mistenni li jitlesta fi żmien qasir.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, staqsa lil Perit John Rizzo Naudi dwar il-pjan tal-imaniġġjar tat-traffiku waqt li kien qed isiru x-xogħlijiet u jekk kienx hemm previst biex Triq il-Kunċizzjoni tkun miftuħa miż-żewġ naħat sakemm jitlesta l-proġett.

2.6 Il-Perit John Rizzo Naudi spjega li ma kienx hemm maħsub li Triq il-Kunċizzjoni tinfetaħ fiż-żewg direzzjonijiet minħabba l-periklu li jista' jkun hemm meta jsir dan it-tibdil.

2.7 Il-Perit John Rizzo Naudi spjega wkoll li kien ser jitlob permess mit-Transport Malta dwar dan is-suġġeriment.

2.8 Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, talab informazzjoni dwar l-ispejjeż tax-xogħol li sar s'issa meta tlestiet l-ewwel fażi tan-naħa t'isfel tat-Triq Annibale Preca u x'kienu l-ispejjeż biex jitkompla x-xogħol sa fejn hu pproġettat.

2.9 Wara spjegazzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi dwar l-ispejjeż tax-xogħlijiet, il-Kunsill kien qed jaqbel li l-ispiza ma għandhiex taqbeż l-ammont ta' €80,000.

2.10 Il-Perit John Rizzo Naudi kien qed jassigura li kemm il-Water Service Corporation, kif ukoll id-Dipartiment tad-Dranaġġ, kienu ser jagħmlu tajjeb għax-xogħlijiet li qed isiru f'dan il-proġett.

2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ġibed l-attenzjoni li qabel isiru xi pagamenti lill-Kuntrattur, il-Perit John Rizzo Naudi jrid jiċċertifika li x-xogħol tlesta skont l-*istandards* meħtieġa.

2.12 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jipprezenta ukoll id-dokumenti ta' l-ispejjez kollha biex isir talba uffiċċjali lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn joħorgu l-pagamenti kif hemm deskritt fil-ftehim tal-PPP – Toroq.

## 3. BAĠIT 2012

3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew u approvaw l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2012.

3.2 Dawn l-estimi barra l-infiq rikorrenti, kienu qed jinkludu wkoll in-nefqa kapitali fir-rigward tal-PPP – Toroq.

3.3. F'dan il-Progett il-Kunsill kien qed jinvesti somma sostanzjali biex toroq principali fil-lokalità jiġu asfaltati mill-ġdid wara ħafna snin. Permezz ta' dawn il-fondi mogħtija mill-Gvern Ċentrali, kif ukoll mill-flus tal-Kunsill, Vjal Trasfigurazzjoni, Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq Annibale Preca, li huma fost l-akbar toroq fil-Lokalità, ser jerġgħu jingħataw asfaltar ġdid meta jitlesta dan il-proġett.

3.4 Barra dan, dawn it-toroq ser jinbidlulhom is-servizzi tal-ilma u d-dranaġġ li kienu ilhom hemm għal aktar minn ħamsin sena.

## 4. PROĠETTI OĦRA

4.1 Barra l-proġett tal-PPP – Toroq, il-Kunsill qed ikompli jinsisti biex jingħata fondi sabiex isiru aktar proġetti.

a. Jitkompla t-tisbiħ fil-parti ta' isfel ta' Vjal Trasfigurazzjoni billi jsir il-pavimentar u jiżdiedu lanterni ornamentali.
b. Bandli ġodda fil-Ġnien tal-Mirakli biex jinbidlu flok dawk preżenti li huma antiki u m'għandhomx l-*istandards* meħtiega.
c. Tisbiħ fiċ-Ċentru Rekreattiv fejn hemm il-ġonna u l-'Play Area'.
d. Talba għall-fondi biex isir restawr tat-Torri Belvedere biex dan il-post storiku li ġie devolut lill-Kunsill jinżamm fi stat aħjar.
e. Tisbiħ fiż-żona tal-qalba tar-raħal billi jsiru bankini u pavimentar permezz tal-*Urban Improvement Funds* (UIF).
f. Immodernizzar tal-Librerija Pubblika li hemm fl-iskola Primarja, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' xiri ta' kotba u xkaffar aktar moderni kif ukoll il-mod li bih għandha titmexxa din il-librerija fiż-żmien li ġej biex tkun ta' servizz aħjar.

g. Asfaltar tat-treqjqat fl-inħawi ta’ Ħal Mann u ħdejn iċ-Ċimiterju ta’ l-Abbati, permess tal-fondi tal-Majjistral Action Foundation Group. Dan sabiex il-bdiewa *full-timers* u *part-timers* ikollhom aċċess aktar aħjar f’dawn l-inħawi.

4.2 Dawn il-proġetti jistgħu jitwettqu kemm-il darba l-Kunsill Lokali jingħata l-fondi meħtiega mill-Gvern Ċentrali.

## 5. *PERFORMANCE BONUS* TAL-HADDIEMA

5.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, tkellem dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar. Waqt din l-ispjegazzjoni, Dr Marc Sant staqsa għar-rapport tal-*performance bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv.

5.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, wiegeb li dak li kien qed jispjega huwa dak li ser jitniżżel fir-rapport tal-ħidma tas-Segretarju u li ser jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill meta din il-laqgħa terġa' titkompla fil-31 ta’ Jannar 2012.

## 6. IL-LAQGĦA

6.1 Il-laqgħa giet aġġornata għal nhar it-Tlieta 31 ta’ Jannar 2012 fil-5.00 p.m..

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar
Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv